

Brussell, 9 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

15759/25

ECOFIN 1580
UEM 575
FIN 1430
ECB
EIB

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni
tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Franza

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Franza**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b' mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP”, recovery and resilience plan) ta’ Franza fit-28 ta’ April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fit-13 ta’ Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni² (id-“Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021”). Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 ġiet emendata bid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta’ Lulju 2023³.
- (2) Fit-28 ta’ Ottubru 2025, Franza għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta biex temenda d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP ma għadux jista’ jinkiseb għalkollox minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq dik il-bażi, Franza ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP li ppreżentat Franza minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 24 miżura.

² Ara d-dokumenti ST 10162/21 u ST 10162/21 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

³ Ara d-dokumenti ST 11150/23, ST 11150/23 ADD 1 REV 2 u r-rettifika ST 14651/24 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

- (4) Franza spjegat li 4 miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba diffikultajiet tekniċi mhux previsti marbuta ma' proġetti speċifiċi li jagħmlu parti mill-miżuri. Dan jikkonċerna l-miżuri C3.I1 (Appoġġ għas-settur ferrovjarju), C4.I3 (Pjan ta' Appoġġ għas-settur ajrunawtiku), C9.I3 (Rinnovazzjoni tal-istabbilimenti mediko-soċjali) u C10.I1 (Industrija ħielsa mill-fjuwils fossili). Abbażi ta' dan Franza talbet li dawn il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (5) Franza spjegat li miżura waħda ma għadhiex tista' tinkiseb minħabba l-piż amministrattiv meħtieġ għall-implimentazzjoni tagħha b'distinzzjoni ċara minn miżura oħra. Dan jikkonċerna l-miżura C2.I8 (Riċiklaġġ u riużu). Abbażi ta' dan, Franza talbet li dik il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (6) Franza spjegat li miżura waħda ma għadhiex tista' tinkiseb minħabba l-piż amministrattiv meħtieġ għall-implimentazzjoni tagħha. Dan jikkonċerna l-miżura C7.I8 (Aġġornament diġitali tas-sistema edukattiva). Abbażi ta' dan, Franza talbet li dik il-miżura titneħħa. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (7) Franza spjegat li miżura waħda ma għadhiex tista' tinkiseb minħabba l-falliment tal-impriża konġunta "Hyvia". Dan jikkonċerna l-miżura C10.I2 (IPCEI Idroġenu). Abbażi ta' dan, Franza talbet li dik il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (8) Franza spjegat li miżura waħda ma għadhiex tista' tinkiseb minħabba livell ta' ambizzjoni ogħla fl-iskema "MaPrimeRenov" minn dak ippjanat inizjalment fil-mument tal-preżentazzjoni ta' REPowerEU fl-2023, li wassal għal żieda fil-kost tal-unità għal kull proġett. Dan jikkonċerna l-miżura C10.I4 (Rinnovazzjoni tal-enerġija tal-akkomodazzjoni privata, ma' "MaPrimeRenov"). Abbażi ta' dan, Franza talbet li dik il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (9) Franza spjegat li miżura waħda ġiet emendata biex tiġi implimentata alternattiva aħjar sabiex tikseb l-ambizzjoni oriġinali tagħha. Dan jikkonċerna l-miżura C7.I11 (Appoġġ għas-setturi kulturali u għar-rinnovazzjonijiet tal-patrimonju). Abbażi ta' dan, Franza talbet li dik il-miżura tiġi emendata. Billi dawk iċ-ċirkostanzi jiġġustifikaw emenda tal-miżura, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.

- (10) Franza spjegat li ġew emendati 15-il miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi ssimplifikata l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġġettivi ta' dawk il-miżuri. Dan jikkonċerna l-miżuri C1.R2 (Reviżjoni tar-regolament termali ma' RE2020), C2.I7 (Modernizzazzjoni taċ-ċentri tas-separazzjoni tal-iskart, ir-riċiklaġġ u s-sistemi ta' rimi tal-iskart), C2.R2 (Liġi dwar l-ekonomija ċirkolari), C3.I3 (Mobilità ta' Kuljum: l-iżvilupp tal-infrastruttura tat-trasport pubbliku), C3.I6 (Ekoloġizzazzjoni tal-portijiet), C4.I2 (Żvilupp tal-idroġenu dekarbonizzat), C6.R1 (Aspetti strutturali tal-Liġi dwar l-ipprogrammar tar-riċerka), C7.R1 (Liġi dwar id-divrenzjar, id-deċentralizzazzjoni, id-dekonċentrazzjoni u dwar diversi miżuri għas-simplifikazzjoni tal-azzjoni pubblika lokali (3DS)), C7.R2 (Esperimentazzjoni tal-Liġi Organika), C7.R5 (Valutazzjoni tal-kwalità tan-nefqa pubblika), C7.I1 (Diġitalizzazzjoni tal-kumpaniji), C7.I6 (Applikazzjonijiet tal-Ministeru tal-Intern), C8.R3 (Saħħa u sikurezza fuq il-post tax-xogħol), C9.I2 (Modernizzazzjoni u ristrutturar tal-isptarijiet u tal-provvista tal-kura tas-saħħa) u C10.I3 (Rinnovazzjoni termali ta' bini pubbliku). Abbażi ta' dan Franza talbet li dawn il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (11) Wara t-tneħħija u t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, Franza talbet li tuża r-riżorsi liberati bit-tneħħija tal-miżuri u t-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni tagħhom biex jiżdied il-livell ta' implimentazzjoni ta' miżura waħda. Dan jikkonċerna l-miżura C10.I5 (Appoġġ għad-domanda għal vetturi nodfa). Abbażi ta' dan, Franza talbet li l-livell tal-implimentazzjoni ta' miżura waħda, jiġifieri C3.I2 (Appoġġ għad-domanda għal vetturi nodfa (pjan tal-karozzi)) jiżdied. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (12) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Prinċipju “La tagħmilx ħsara sinifikanti”

- (13) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u mal-kriterju 2.4 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat mistenni jiżgura li l-ebda miżura (Klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u ta' proġetti tal-investment inklużi fl-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ (il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”). L-RRP emendat jivvaluta l-konformità mal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont il-metodoloġija stabbilita fl-Avviż tal-Kummissjoni 2021/C58/01 intitolat “Gwida teknika dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza”⁵. Il-valutazzjoni ssir b'mod sistematiku għal kull riforma u investment emendati filwaqt li ssegwi l-approċċ f'żewġ stadji. Il-valutazzjoni tikkonkludi li għall-miżuri emendati kollha, ma hemm l-ebda riskju ta' ħsara sinifikanti. Fejn meħtieġ, ir-rekwiżiti tal-valutazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” huma minqaxa fit-tfassil ta' miżura jew speċifikati f' stadju importanti jew f'mira ta' tali miżura. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta, jista' jiġi konkluż li l-ebda miżura ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/852/oj>).

⁵ ĠU C 58, 18.2.2021, p. 1.

Kontribut għall-objettiv ta' REPowerEU

- (14) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (da), u mal-kriterju 2.12 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni li jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew it-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.
- (15) It-tneħħija tal-mira 10-6 (Vetturi kummerċjali ħfief H2 (proġett Hyvia)) ta' investiment C10.I2 (IPCEI Idroġenu) u t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni ta' investiment C10.I1 (Industrija ħielsa mill-fjuwils fossili) huma kontrobalanċjati biż-żieda tal-miżura fuq skala akbar C10.I5 (Appoġġ għad-domanda għal vetturi nodfa skont REPowerEU). Din il-miżura fuq skala akbar inkluża fil-kapitolu REPowerEU tintroduċi titjib sostantiv fil-livell ta' ambizzjoni tal-investiment diġà inkluż fil-miżura C3.I2 (Appoġġ għad-domanda għal vetturi nodfa), li tappoġġa kemm il-vetturi ibridi kif ukoll dawk kompletament elettriċi. Il-miżura fuq skala akbar tappoġġa x-xiri ta' vetturi elettriċi jew tal-idroġenu b'emissjonijiet zero 109 300. Il-bidliet introdotti fil-miżuri permezz tar-reviżjoni tal-RRP ma jaffettwawx il-valutazzjoni mwettqa għar-REPowerEU, li tibqa' l-istess.

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità

- (16) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-kriterju 2.5 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li fil-biċċa l-kbira jikkontribwixxu (klassifikazzjoni A) jew għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi klimatiċi jirrappreżentaw ammont ekwivalenti għal 49 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP emendat u 93,4 % tal-kost totali stmat tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolati f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.
- (17) L-RRP emendat materjalment ma jbidilx l-ambizzjoni lejn tranżizzjoni ekoloġika, billi l-allokkazzjoni totali għall-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi klimatiċi naqsu biss b'0,5 punti perċentwali meta mqabbla mal-evalwazzjoni emendata tas-26 ta' Ġunju 2023. Dan it-tnaqqis huwa r-riżultat tat-tnaqqis tal-kamp ta' applikazzjoni ta' bosta miżuri, jiġifieri l-investment C3.I1 (Appoġġ għal-linji ferrovjarji), l-investment C10.I1 (Industrija ħielsa mill-fjuwils fossili) u l-investment C10.I2 (IPCEI Idroġenu), u tat-tneħħija tal-ittaggjar ekoloġiku tal-miżura C9.I3 (Rinnovazzjoni tal-istabbilimenti mediko-soċjali), li huwa kkumpensat mill-espansjoni tal-miżura C10.I5 (Appoġġ għad-domanda għal vetturi nodfa). Il-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk l-emendi ma tibdilx il-valutazzjoni ġenerali ta' dan il-kriterju.

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (18) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-kriterju 2.6 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li fil-biċċa l-kbira jikkontribwixxu (klassifikazzjoni A) jew għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jwasslu għal ammont li jirrappreżenta 21,5 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP emendat ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (19) L-RRP emendat materjalment ma jbidilx l-ambizzjoni lejn it-tranżizzjoni ekoloġika, billi l-allokkazzjoni totali għall-miżuri li jappoġġaw it-tranżizzjoni diġitali naqset biss b'0,1 punti perċentwali meta mqabbla mal-valutazzjoni emendata tas-26 ta' Ġunju 2023. Dan it-tnaqqis jirriżulta minħabba t-tneħħija ta' Investiment C7.I8 (Aġġornament diġitali tas-sistema edukattiva). Il-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk l-emendi ma tibdilx il-valutazzjoni ġenerali ta' dan il-kriterju.

Kalkolu tal-kostijiet

- (20) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u mal-kriterju 2.9 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP hija moderament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

- (21) Fir-rigward tal-miżuri li tnaqqsu fl-RRP emendat, it-tnaqqis fil-kost stmat kien jew proporzjonali mat-tnaqqis fl-istadji importanti u l-miri rilevanti jew ibbażat fuq metodoloġija ta' kwalità tajba u dokumentazzjoni ġustifikattiva b'evidenza li l-modifiki tal-kostijiet kienu ġustifikati, raġonevoli u plawżibbli. Fl-aħħar nett, l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP huwa f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

- (22) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (j), u mal-kriterju 2.10 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP emendat huma adegwati (Klassifikazzjoni A) sabiex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitt ta' interess meta jintużaw il-fondi pprovduti skont dak ir-Regolament, u l-arranġamenti huma mistennija li jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u programmi oħrajn tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u ta' għodod oħra għall-promozzjoni u għall-infurzar tal-konformità mad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶.
- (23) Mill-valutazzjoni preċedenti, il-Kummissjoni kellha aċċess għal informazzjoni dwar l-implimentazzjoni attwali tas-sistema ta' awditjar u ta' kontrol ta' Franza. Din l-informazzjoni tinkludi s-sejbiet tal-awditjar dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni mwettqa mill-Kummissjoni fi Franza.

⁶ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2092/oj>).

- (24) Fid-dawl ta' din l-informazzjoni, il-Kummissjoni tqis li s-sistema ta' kontroll intern tal-RRP ta' Franza hija ġeneralment adegwata.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (25) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi ppreżentati minn Franza ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (db), (g), (h), (j) u (k), tar-Regolament 2021/241.

Valutazzjoni pożittiva

- (26) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, meta nstab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u mal-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li għandu jkun disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (27) Il-kost totali stmat tal-RRP emendat ta' Franza jammonta għal EUR 41 089 518 309. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għal Franza, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ u mal-Artikolu 20(4) u l-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 allokata għall-RRP emendat ta' Franza jenħtieġ li tkun EUR 40 269 973 178. Għalhekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għal Franza tibqa' l-istess.
- (28) Għalhekk id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament.
- (29) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kwalunkwe proċedura marbuta mal-ġhotti ta' fondi tal-Unjoni skont kwalunkwe programm ieħor tal-Unjoni ħliel il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jew għall-proċeduri marbuta mad-distorsjonijiet tal-operat tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma twarrabx il-ħtieġa għall-Istati Membri li jinnotifikaw lill-Kummissjoni każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat, skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza emendat

Il-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza emendat għal Franza abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

Artikolu 2

Emenda

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Franza huwa sostitwit bit-test li jinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Franza.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President